# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 2 ta' Novembru, 2001**

**Numru**

**Rik. Nru. 582/97 FGC**

**Francis Xavier sive Frank Mifsud**

**vs**

**Avukat Generali**

**<u>Ir-rikors promutur</u>**

Ir-rikorrent ipproceda quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, Sede Kostituzzjonali, bil-prezenti rikors li fih espona:-

"Li huwa ghandu cittadinanza Ingliza;

Li hu kellu tliet kawzi inizjati minnu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) u fihom ma kellux smiegh xieraq;

1. Li l-esponent ipprezenta kwerela fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt kontra Emanuel Colerio dwar ingurja gravi kommessa fit-28 ta' Ottubru, 1995 fil-konfront tieghu fil-prezenza ta' xhieda;

Li meta l-kawza nstemghet quddiem il-Magistrat Dottor Silvio Meli fit-28 ta' April, 1995, l-ewwel instema' l-esponent bhala kwerelant, imbaghad Vincent Galea, illum Avukat, xhud prodott mill-kwerelant, u wara l-Avukat Dottor Tonio Azzopardi, konsulent legali tal-kwerelenat, li xehed b'notament quddiemu li nkiteb dak il-hin stess meta ntqal il-kliem ingurjuz minn Emanuel Coleiro;

Il-Magistrat Meli kien mill-ewwel ostili ma' l-imsemmija tliet xhieda u fil-konfront ta' uhud minnhom il-Magistrat Meli ghadda kummenti li ma kienux f'posthom u li kienu denigratorji fil-konfront tax-xhieda. Lix-xhud Dr. Azzopardi l-Magistrat irrimarkalu, malli kien ghadu ser jibda jixhed, illi l-Avukati qeghdin jarmu l-etika professjonali, u x-xhud qallu: "Sur Magistrat, bir-rispett kollu, I take exception to that. Huwa dover tieghi li nitla' nixhed ladarba zewg persuni biss kien hemm prezenti meta ntqal il-kliem". Ghall-kuntrarju, meta xehed il-kwerelat Emanuel Coleiro, il-Magistrat Meli kien gentili mieghu u ma ghadda l-ebda kumment denigratorju fil-konfront tieghu;

Li ghalkemm il-Magistrat Meli kellu quddiemu l-verzjoni tal-kwerelant Frank Mifsud, korroborata mix-xhieda ta' l-Avukat Dottor Tonio Azzopardi u ta' Vincent Galea, illum huwa wkoll Avukat, u min-naha l-ohra, l-ammissjoni in parti ta' Emanuel Coleiro, huwa llibera lill-kwerelat;

Li wara l-kawza, avukati li kienu prezenti fl-Awla wrew sorpriza ghall-mod inugwali li bih gew ittratti z-zewg partijiet kif ukoll kif kienet iddecidiet il-Qorti fuq il-verzjonijiet li kien hemm quddiemha;

Li l-esponent ma kellux smiegh xieraq kif garantit mill-Kostituzzjoni u mill-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319, u ghalhekk il-proceduri ghandhom jigu dikjarati nulli u bla effett.

2. Li inoltre, fil-5 ta' Ottubru, 1992, l-esponent ipprezenta kwerela fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta kontra Frank Spiteri dwar ingurja li saret fl-1 ta' Ottubru, 1992;

Li l-kawza kellha tigi differita diversi drabi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat Dottor Carol Peralta peress li l-

kwerelat Frank Spiteri kien isiefer kull darba li tasallu t-tahrika biex jidher il-Qorti;

Li meta l-kawza saret fit-13 ta' Jannar, 1994, l-esponent bhala kwerelant fil-kawza ma kienx notifikat dwar is-smiegh tal-kawza. Izda l-Qorti semghet il-kawza fl-assenza tieghu bi ksur ta' l-Artikolu 410 tal-Kodici Kriminali u dakinhar stess illiberat lill-kwerelat mill-imputazzjoni ta' ingurja;

Li l-esponent ma kellux l-opportunita' li jappella stante li sar jaf bis-sentenza wara li ghadda t-terminu ta' l-appell;

Li, fl-4 ta' Novembru, 1994, l-esponent ipprezenta kwerela ohra dwar l-istess incident bil-hsieb li meta tinghata l-eccezzjoni ta' "res judicata", huwa jeccepixxi n-nullita' tal-proceduri u tas-sentenza moghtija fit-13 ta' Jannar, 1994;

Li, fis-27 ta' Gunju, 1995, meta l-kawza nstemghet quddiem il-Magistrat Dr. Silvio Meli li kien qed jippresjedi fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), il-kwerelat gie lliberat mill-imputazzjoni billi l-esponent ma kienx prezenti biex jaghti x-xhieda tieghu;

Li l-Artikolu 410 tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi l-kwerelant jista' jkun prezenti u ghalhekk ghandu dritt li jkun prezenti fil-kawza privata bejnu u l-kwerelat, izda l-kawza tmexxiet mill-Qorti fl-assenza tieghu u minghajr ma kien debitament notifikat bis-smiegh, bhallikieku kienet kawza bejn il-Pulizija u Frank Spiteri;

Li l-esponent ghalhekk ma kellux smiegh xieraq a tenur ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u m'ghandux rimedju effettiv a tenur ta' l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni biex ihares id-drittijiet tieghu, senjatament li jiddefendi ruhu mill-ingurja u malafama moghtija lilu mill-kwerelat;

TALAB ghaldaqstant umilment illi din il-Qorti joghgobha:-

1. tiddikjara illi l-esponent ma kellux smiegh xieraq fil-kawza privata fl-ismijiet "Francis Saviour sive Frank Mifsud vs. Emanuel Coleiro" li nstemghet quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-28 ta' April, 1995, minhabba vjolazzjoni ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 u taghti rimedji xierqa;

2. tiddikjara illi l-esponent ma kellux smiegh xieraq fil-kawza privata fl-ismijiet "Frank Mifsud vs. Francis Spiteri" fit-13 ta' Jannar, 1994, kif ukoll fil-proceduri sussegwenti fl-istess ismijiet;

3. tiddikjara illi l-esponent sofra lezjoni tad-dritt tieghu ghal rimedju effettiv sancit bl-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea".

**Risposta**

L-intimat Avukat Generali hekk irrisponda in kontestazzjoni tat-talbiet tar-rikorrent:-

"Li t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati ghas-segwenti motivi:

1. Illi, fl-ewwel lok, dina l-Qorti ghandha tiddeklina milli tuza s-setghat taghha skond l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 ta' l-Att XIV ta' l-1987 stante li r-rikorrent naqas li juza r-rimedji ordinarji u senjatament id-dritt tieghu ta' appell mis-sentenzi lamentati;

2. Subordinatament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja jitkellmu dwar id-dritt ghas-smiegh xieraq "Kull meta xi hadd ikun akkuzat b'rejat" (Art 39(1) Kost.) fid-"decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili" (Art 39(2) Kost.) u "in the determination of his civil rights and obligatkions or of any criminal charge against him" (Art 6 Konvenzjoni) u s-sitwazzjoni tar-rijkorrent (kwerelant f'kawza kriminali) ma tinkwadra ruhha f'ebda ipotesi kontemplata fl-imsemmija artikoli;

3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi fil-fatt r-rikorrenti nghata smiegh xieraq fil-kawza in kwistjoni".

**Decide**

B'sentenza tad-9 ta' Ottubru, 1998, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi cahdet it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu.

**Motivazzjoni tas-sentenza appellata**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:-

> Li dan ir-rikors ghandu bhala antecedenti tieghu zewg kwereli li r-rikorrenti pprezenta fl-ghassa tal-pulizija, fil-Belt Valletta, rispettivament dwar ingurja allegatament gravi kommessa fil-konfront tieghu minn Emanuel Coleiro fit-28 ta' Ottubru, 1995 u dwar ingurja kommessa fil-konfront tieghu wkoll fl-1 ta' Ottubru, 1992 minn Frank Spiteri.
>
> Issa, bir-rikors promotorju tieghu, ir-rikorrenti qieghed jitlob lil din il-Qorti biex tiddikjara li f'dawn iz-zewg kawzi privati decizi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) rispettivament fit-28 ta' April, 1995 u fit-13 ta' Jannar, 1994, huwa ma kellux smiegh xieraq bi ksur ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 ta' l-Ewwek Skeda tal-Kap 319 u biex taghti rimedju effettiv sancit bl-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea;
>
> Kif gia gie accennat, l-intimat issottometta li dawn it-talbiet huma nfondati ghaliex l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja jitkellmu dwar id-dritt ghas-smiegh xieraq "Kull meta xi hadd ikun akkuzat b'rejat" (Art. 29(1) Kost.), fid-"decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili" (Art. 39(2) Kost.) u "in the determination of his civil rights and obligations  or of any criminal charge against him"(Art. 6 Konvenzjoni) u s-sitwazzjoni tar-rikorrent (kwerelant f'kawza kriminali) ma tinkwadra ruhha f'ebda ipotesi kontemplata fl-imsemmija artikoli.
>
> Din il-Qorti taqbel perfettament ma' din ls-sottomissjoni ghaliex fiz-zewg kawzi kriminali in kwistjoni l-akkuzati kienu rispettivament Emanuel Coleiro u Frank Spiteri u, ghalhekk, dawn biss jistghu jilmentaw minn vjolazzjoi tad-dritt tas-smiegh xieraq garantit mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea;l
>
> Huwa wkoll car li l-Qorti, fiz-zewg procedimenti msemmija, ma kienetx mitluba tiddetermina dwar l-ezistenza jew estensjoni tad-drittijiet jew obbligi civili tar-rikorrenti li kien biss kwerelant u xejn aktar.

> Fil-fehma tal-Qorti, xejn ma jiswa li jigi sottomess mir-rikorrenti li huwa, bhala kwerelant, igawdi d-dritt civili ghar-reputazzjoni tajba tieghu b'garanzija ugwali ta' smiegh xieraq. Dan qieghed jinghad ghaliex, kif giaint qal, ir-rikorrenti ma kienux "l-akkuzat" fiz-zewg kawzi kriminali, u ghalhekk, kien ikollu d-dritt ta' smiegh xieraq kieku kien qieghed jagixxi civilment kontra Emanuel Coleiro u Frank Spiteri ghall-ingurja billi huwa fi procediment civili bhal dan li l-Qorti tkun mitluba biex tiddetermina dwar l-ezistenza jew estensjoni tad-drittijiet civili tar-rikorrenti".

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Ir-rikorrent appella minn din is-sentenza. Hu jirribadixxi li kien kwerelant fi proceduri kriminali separati dwar ingurji u f'dawn il-proceduri ma kellux smiegh xieraq bi vjolazzjoni tal-jeddijiet fondamentali tieghu kif protetti bl-Art. 39 tal-Kostituzzjoni u bl-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Jissottometti li irrispettivament minn jekk il-proceduri minnu tentati kienux civili jew kriminali, hu kellu d-dritt ghal smiegh xieraq una volta illi jkun accettat li kien igawdi dritt civili ghal reputazzjoni tajba. Ma kienetx allura korretta d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti meta rriteniet illi l-kwerelant fil-proceduri kriminali ma kellux id-dritt ghal smiegh xieraq "ghax ma kienx l-akkuzat". Ma kien hemm l-ebda differenza bejn li jkun kwerelant fi procedura kriminali kontra persuna li tkun tatek malafama u li tkun attur f'kawza civili kontra konvenut li jkun tak malafama.

Il-Qorti Kriminali ma setghetx issib persuna hatja li vvjolat ir-reputazzjoni tajba tal-kwerelant minghajr ma l-ewwel taghmel determinazzjoni dwar l-ezistenza ta' dak id-dritt invokat mill-kwerelant. Ma jistax allura wiehed jiddiskrimina u jaghzel bejn l-*injured party* fil-kamp kriminali u l-*injured party* fil-kamp civili. Fil-kaz ta' l-appellant is-sentenza appellata kienet tippekka ghaliex timplika li attur f'kawza civili ghad-difiza tar-reputazzjoni tieghu kellu dritt ghal smiegh xieraq fil-waqt li kwerelant f'kawza kriminali ghall-istess difiza ma kellux dak id-dritt.

Min-naha tieghu l-Avukat Generali jsostni li kien fondamentali ghar-recivibilta' ta' l-azzjoni il-kwistjoni dwar jekk il-proceduri li minnhom l-appellant kien qed jilmenta kienux jinvolvu d-determinazzjoni ta' xi dritt jew obbligu civili tieghu jew id-determinazzjoni ta' xi akkuza kriminali kontrih. "Ir-rikorrent kien il-kwerelant li fuq il-kwerela tieghu il-Pulizija bdiet proceduri kriminali kontra terzi ghal malafama. F'dawn il-proceduri r-rikorrent kien xhud tal-prosekuzzjoni". (Sottolinear ta' din il-Qorti)

Kien car illi fil-proceduri in kwistjoni ma kienet qeghda tigi determinata ebda akkuza kriminali kontra r-rikorrent u li f'dawk il-proceduri kien biss l-akkuzat li seta' jinvoka d-dritt ghal smiegh xieraq "fid-determinazzjoni ................ ta' xi akkuza kriminali kontrih". Mill-banda l-ohra dawn l-istess proceduri, anke jekk ittiehdu ad istanza ta' xi kwerelant privat ma kellhomx l-iskop u l-funzjoni li jiddeterminaw id-drittijiet civili tal-

kwerelant, izda l-iskop ta' dawk il-proceduri, bhal ta' kull proceduri kriminali ohra, kien li jikkastiga lill-hati. Il-fatt illi kwerelant ikollu interess f'dawn il-proceduri kriminali ma jfissirx illi l-proceduri jikkoncernaw id-determinazzjoni tad-drittijiet civili tieghu. L-appellat jissottometti li kien ukoll irrilevanti l-fatt li l-liberazzjoni mill-process kriminali tal-persuna akkuzata li allegatament immalafamat lir-rikorrent appellant ma jfissirx bilfors li dak li seta' ntqal fuq ir-rikorrent kien veru. "Ifisser biss li f'dawk il-proceduri partikolari l-akkuza ma gietx provata sal-grad ta' konvinciment morali rikjest fir-rigward tal-processi penali u dan il-fatt wahdu ma jiddetermina xejn fuq id-dritt civili tar-rikorrent ghar-reputazzjoni tieghu".

Dawn il-pozizzjonijiet kontrastanti jifthu berah il-kwistjoni ta' fatt u ta' dritt kif sollevata quddiem l-ewwel Qorti. Din il-Qorti kellha allura tinvesti l-mertu kollu inkluz l-aspett imqanqal fir-risposta ta' l-Avukat Generali ghar-rikors promutur li fl-ewwel lok li l-Qorti kellha tiddeklina milli tuza setghat taghha skond l-art. 46 tal-Kostituzzjoni u l-art. 4 ta' l-Att XIV ta' l-1987 stante li r-rikorrent kien naqas li juza r-rimedji ordinarji u senjatament id-dritt tieghu ta' appell fis-sentenzi lamentati.

Fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti jidher li njorat ghal kollox din l-eccezzjoni. Ma ghamlet ebda riferenza ghaliha fis-sentenza appellata u ghazlet li tinvesti minnufih il-mertu li fil-verita' ikkunsidratu bhala wiehed

ta' facli spedizzjoni u hekk iddisponiet minnu. Ghalkemm wiehed jista' jargumenta li l-fatt li l-ewwel Qorti skartat ghal kollox din l-eccezzjoni, kien jindika illi dik il-Qorti kienet ghazlet li ma tiddeklinax, ghal raguni jew ohra, li tezercita s-setghet taghha - kif kellha dritt li taghmel fit-termini tas-subinciz 2 ta' l-art. 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-art. 4 ta' l-Att XIV ta' l-1987, din il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi eccezzjoni ta' din ix-xorta, meta titqanqal, kellha tigi investita direttament mill-Qorti u minnha deciza. Dan ukoll biex jigi assigurat l-osservanza tal-principju bazilari ghall-ordinament kostituzzjonali li r-rikors ghal din il-Qorti kellu jsir biss jekk u meta jkun gie assigurat li r-rimedji ordinarji kienu bhala regola gew ezawriti. Dan hu ormai pacifiku fil-gurisprudenza.

Qed issir enfasi dwar dan l-aspett tal-vertenza ghaliex fil-kaz taht ezami hu palez illi r-rikorrent appellant kien - ghar-ragunijiet tieghu li baqa' ma spjegax f'dawn il-proceduri - ghazel illi ma jappellax mis-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati li minnhom qieghed jilmenta f'dawn il-proceduri kostituzzjonali nonostante illi dritt ta' appell kien miftuh ghalih. Il-Qorti taghmel fir-rigward is-segwenti osservazzjonijiet:-

1. tinnota qabel xejn illi l-provi f'dan il-process huma ghal kollox skarni u neqsin mis-sustanza. Huma limitati ghal serje ta' affidavits li ma huma xejn hlief impressjonijiet soggettivi tar-rikorrent appellant u tal-konsulent legali tieghu dwar l-allegat komportament irregolari tal-Qorti

tal-Magistrati li semghet lill-kwereli. L-appellant f'dawn il-proceduri pero', ghar-ragunijiet tieghu, ghazel li ma jipproducix l-ahjar provi in sostenn tal-pretensjoni tieghu, u cioe' kopja officjali ta' l-atti processwali tad-diversi kawzi kriminali li hu qieghed jittanta jinficja f'dawn il-proceduri. Jonqos allura s-sostenn ta' prova konkluziva ta' hafna mill-fatti li l-appellant allegatament jibbaza fuqhom is-sottomissjonijiet tieghu.

2. Fost dawn il-fatti essenzjali ma jirrizultax provat li dawn il-kwereli ma sarux ad istanza privata jew jekk kienetx il-pulizija esekuttiva illi pprocediet fuq talba tal-kwerelant. Dan, kif ser jirrizulta aktar tard, kellu rilevanza fix-xorta ta' konsiderazzjonjiet ta' dritt applikabbli ghall-kaz. Filwaqt illi fit-talba fir-rikors promotur l-appellant jissottometti li ma kellux smiegh xieraq "fil-kawza privata fl-ismijiet "Francis Saviour sive Frank Mifsud vs. Emanuel Coleiro", u wkoll fil-kawza privata fl-ismijiet "Frank Mifsud vs. Francis Spiteri", l-intimat Avukat Generali jsostni fir-risposta ta' l-appell illi "ir-rikorrent kien il-kwerelant li fuq il-kwerela tieghu l-pulizija bdiet proceduri kriminali kontra terzi ghal malfama". Ma tirrizulta l-ebda prova certa mill-atti allura x'kienet in-natura preciza ta' l-azzjoni kriminali, u cioe' jekk il-kawza fil-Qorti Kriminali tal-Magistrati kienetx wahda fejn il-prosekuzzjoni kienet qed titmexxa mill-Pulizija Esekuttiva jew mill-parti leza.

3. Element essenzjali iehor ta' prova nieqes jirrigwarda l-allegat nuqqas ta' notifika tal-kwerelant appellant fl-ewwel kwerela li hu kien ghamel kontra Frank Spiteri u li nstemghet mill-Magistrat Dr. Carol Peralta u li giet deciza mill-Qorti fil-5 ta' Ottubru, 1992. L-allegata nuqqas ta' notifika setghet biss tigi provata bl-ahjar prova u cioe' bil-produzzjoni tar-riferti li setghu biss jirrizultaw mill-atti tal-process kriminali li, kif inghad, qatt ma gew esebiti f'dawn il-proceduri.

4. Din il-Qorti jirrizultalha sodisfacentement mill-atti u senjatament mid-dikjarazzjonijiet, guramentati u xort'ohra, tal-kwerelant u tal-konsulent tieghu illi:-

1. Fir-rigward ta' l-ewwel kwerela kontra Emanuele Coleiro deciza mill-Qorti Kriminali tal-Magistrati fit-28 ta' April, 1995, f'liema seduta kien prezenti mhux biss il-kwerelant imma wkoll il-konsulent legali tieghu li attivament ippartecipa fil-proceduri, dan palezament kien naqas milli jappella kontra s-sentenza ta' dik il-Qorti, nonostante li kien sewwa konsapevoli tal-kontenut taghha, u nonostante illi kien hemm, fil-fehma tieghu, cirkostanzi li kienu jirrendu dak il-gudikat null u bla effett fil-ligi. Nullita' li certament setghet tigi mqanqla, dibattuta u deciza f'appell li l-istess appellant jaccetta li kien intitolat li jaghmel fit-termini ta' l-art. 413 tal-Kodici Kriminali.

2. L-istess konsiderazzjoni tapplika fir-rigward tat-tieni kwerela, dik cioe' li saret mill-appellant kontra Frank Spiteri u li giet trattata u deciza mill-Qorti tal-Magistrati fit-13 ta' Jannar, 1994. Premess li ma hemmx il-prova tan-nuqqas tan-notifika tal-kwerelant, din il-Qorti ma setghetx ma tqisx li l-kwerelant kien effettivament notifikat. L-appellant jissottometti li dawk il-proceduri kienu irritwali nkwantu l-kawza kienet instemghet fl-assenza tieghu bi ksur ta' l-artiklu 410 tal-Kodici Kriminali. Sottomissjoni din pero' li ma setghetx tigi sostnuta ghaliex l-artikolu 410 jaghti l-jedd lill-kwerelant jew lid-difensur tieghu li jkunu prezenti fil-kawza, pero' din hi biss fakolta' li taghtihom il-ligi li jinvolvu ruhhom fil-proceduri kontra l-kwerelat. L-assenza volontarja taghhom fil-process bl-ebda mod ma kienet tostakola lill-Qorti milli tipprocedi bis-smiegh tal-kawza. Mill-banda l-ohra ma tirrizulta l-ebda prova li l-kwerelant appellant ma kellux l-opportunita' li jappella stante li kien sar jaf bis-sentenza wara li ghadda t-terminu ta' l-appell. Dan seta' biss jigi konsidrat li kieku kien hemm il-prova illi hu ma kienx jaf, jew ma kienx messu jaf illi l-kawza kienet giet deciza, u dana li kieku gab il-prova li ma kienx gie notifikat bl-avviz ghas-smiegh taghha.

3. Fir-rigward tat-tielet u l-ahhar kwerela, dik cioe' illi r-rikorrent ghamel kontra l-istess Frank Mifsud dwar l-istess incident, irrizulta li din il-kwerela kienet inghatat espressament "bil-hsieb li meta tinghata (lill-kwerelat) l-eccezzjoni tar-res judicata, huwa (il-kwerelant) jeccepixxi n-

nullita' tal-proceduri u tas-sentenza moghtija fit-13 ta' Jannar ta' l-1994". (Id-data meta giet deciza l-ewwel kwerela kontra Frank Mifsud). Ex admissis il-kwerelant jammetti li hu ma kienx prezenti biex jaghti x-xhieda tieghu u ma jaghti ebda gustifikazzjoni ghal din l-assenza, izda jippretendi li skond l-art. 410 tal-Kap 9 il-Qorti Kriminal tal-Magistrati ma setghetx tipprocedi bil-kawza fl-assenza tieghu "u bla ma kien debitament notifikat bis-smiegh". Fatt, dan ta' l-ahhar, ukoll bl-ebda mod provat mill-atti. Anke hawn il-kwerelant kellu d-dritt li jappella minn dik is-sentenza ghax f'dan il-kaz, il-kwerelat kien gie liberat minhabba "li gia kien hemm qabel decizjoni li biha ...............il-kwerelat kien gie misjub hati <u>jew illiberat</u>". {Art. 413 (4) (III)} Anke hawn il-kwerelant, ghal ragunijiet li jaf biss hu ghazel li ma jappellax minn din is-sentenza.

Dan in-nuqqas ta' kjarezza ta' provi – li kien ukoll jinteressa lill-appellat Avukat Generali inkwantu kien hu li kellu jissodisfa lil din il-Qorti li l-appellant kellu rimedju iehor xieraq taht xi ligi ohra – tpoggi lil din il-Qorti fl-impossibilita' li tilqa' propju l-eccezzjoni preliminari ta' l-istess Avukat Generali. Jekk xejn, din tfalli bl-insistenza tieghu stess illi f'dawk il-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali tal-Magistrati r-rikorrent appellant kien <u>semplici xhud tal-prosekuzzjoni</u>, inkwantu kienet il-pulizija li bdiet il-proceduri kriminali fuq il-kwerela tieghu.

> "Issa L-Kodici Kriminali jitkellem car dwar min jista' jappella minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Jistghu jappellaw il-persuni misjuba hatja f'kull kaz

(art. 413 (1)(a)) u fil-kazijiet espressament imsemmija fl-art. 413 (1)(b)) "L-Avukat Generali u fil-kazijiet imsemmija bl-art. 373 il-kwerelant".

Jigifieri l-kwerelant jista' jappella biss meta:

(a) ir-rejat ikun ta' kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, jigifieri jkun jinkwadra f'dak li jipprovdi l-art. 370 (1) tal-Kodici Kriminali moqri flimkien ma' l-art. 371;

(b) l-azzjoni kriminali fir-rigward ta' dak ir-rejat ma tkunx tista' titmexxa hlief bil-kwerela ta' l-offiz; u

(c) il-prosekuzzjoni titmexxa mill-offiz kif provdut bl-art. 374 tal-Kodici Kriminali b'mod li s-sentenza tinghata fil-konfront tal-kwerelant (l-offiz) u tal-kwerelat (l-imputat) u ghalhekk mill-okkju tas-sentenza ikun jidher li l-partijiet fil-kawza huma l-kwerelant u l-imputat u mhux il-Pulizija u l-imputat. (Ara f'dan is-sens "Il-Pulizija vs. Philippa Farrugia", 6/12/95 u sentenzi ohra msemmija f'din is-sentenza, "Il-Pulizija vs. Joseph Sciberras vs. Maria Lourdes Sciberras, 20/1/97" u "Il-Pulizija vs. Raymond Sultana", 11/7/97).

Fil-kaz in dizamina il-prosekuzzjoni tmexxiet mill-Pulizija esekuttiva u mhux mill-kwerelant jew parti leza, tant li s-sentenza nghatat fil-konfront tal-pulizija u l-imputat Vella. Il-kwerelant jew parti leza semplicement

ikkostitwixxa ruhu bhala parti civili fil-kawza fit-terminu tas-subartikolu 3 u l-artikolu 410 tal-Kodici Kriminali. Il-fatt pero' li l-parti leza ghamlet uzu minn din id-dispozizzjoni ma jfissirx li ghandha dritt ta' appell. Dana id-dritt ta' appell hu regolat bil-Kodici Kriminali unikament f'dak li jipprovdi l-artikolu 413 (1) (b). Konsegwentement f'dan il-kaz m'hux moghti dritt ta' appell lill-kwerelant jew parti leza" (Il-Pulizija vs Alfred Vella, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-24 ta' Frar, 2000) (Ara wkoll fl-istess sens "Il-Pulizija vs Carmel Borg, deciza mill-istess Qorti fit-18 ta' Gunju, 1999).

Fl-iskorta ta' dan it-taghlim gurisprudenzjali, certament bazat fuq interpretazzjoni korretta u tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-Kodici Kriminali, (b'mod partikolari l-artikoli 252 sa 255, 373 u 374, 410 u 413) u fid-dawl tas-sottomissjonijiet ta' l-istess Avukat Generali, din il-Qorti ma tistax, mill-provi quddiemha, tasal ghall-konkluzzjoni illi l-appellant kellu rimedju xieraq taht il-ligi ordinarja u senjatament id-dritt ta' appell mis-sentenzi lamentati, li bih seta' irrimedja ghall-allegata lezjoni ta' dritt fondamentali tieghu u li kellu jwassal lill-ewwel Qorti biex tiddeklina milli tuza s-setghet taghha skond l-artiklu 46 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 4 ta' l-Att XIV ta' l-1987. Din l-eccezzjoni qed tigi ghalhekk michuda, nonostante l-insistenza ta' l-istess kwerelant appellant fis-sottomissjonijiet tieghu quddiem din il-Qorti li huwa kellu, jew seta' kellu, dritt ta' appell mis-sentenzi lamentati.

Dan iwassal lil din il-Qorti biex tikkonsidra l-appell fil-mertu. Hawn ukoll il-kaz ta' l-appellant pero', fil-fehma ta' din il-Qorti jfalli wkoll proprju minhabba n-nuqqas tal-prova konkreta ta' dak allegat mir-rikorrent. In-nuqqas ta' l-istess rikorrent li jipproduci l-ahjar prova in sostenn ta' l-allegazzjonijiet tieghu u cioe' kopja ta' l-atti kif sehhew fil-proceduri mpunjati quddiem il-Qorti Kriminali tal-Magistrati u l-fatt li lanqas biss saret riferenza ghalihom, f'dawn il-proceduri jew intalbet l-esebizzjoni taghhom, pogga lir-rikorrent appellant fl-impossibilita' li jottjeni korroborazzjoni ghall-allegazzjonijiet li ghamel fil-konfront tas-sinjuri Magistrati li kkonducew dawk il-proceduri. Fil-verita' l-provi prodotti mir-rikorrent appellant f'din il-kawza, permezz ta' xhieda bl-affidavit, jindikaw nuqqasijiet serji da parti tal-kwerelant innifsu, mhux biss ghax irrizulta li f'okkazzjonijiet la hu u lanqas il-konsulent legali tieghu ma kienu prezenti ghat-trattazzjoni tal-kawza, imma wkoll ghaliex jitfghu dubju fuq il-komportament tieghu quddiem il-Qorti Kriminali tal-Magistrati fi tlett kawzi differenti quddiem zewg Magistrati differenti kontra zewg kwerelati differenti u li jistghu jindikaw *system of conduct* li xejn ma jikkonforta l-ilment tieghu li ma kellux smiegh xieraq.

Mill-banda l-ohra l-allegazzjoni da parti tieghu ta' ostilita' attiva da parti taz-zewg magistrati, fl-istat tal-provi kif jirrizultaw quddiem din il-Qorti bl-ebda mod ma jistghu iwasslu ghall-konvinciment li kien hemm xi

parzjalita' fil-konfront tal-kwerelant. "impartiality" means lack of "prejudice or bias". To satisfy the requirement The Tribunal must comply with <u>both</u> the subjective and the objective test. 'The existence of impartiality from the purpose of article 6 (1) must be determined according to a subjective test that is on the basis of the personal conviction of a particular judge in a given case and also according to an objective test, that is, ascertaining whether the judge offerred guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect'.

L-allegazzjonijiet maghmula mill-kwerelant fil-konfront tas-sinjuri Magistrati li ppresjedew il-kawzi tal-kwerela, jirrigwardaw biss it-test soggettiv u ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li kien hemm xi raguni li kienet oggettivament tippregudika l-imparzjalita' tal-Qorti. "As to the subjective test, the question is whether it can be shown on the facts that a member of the Court" acted with personal bias against the applicant. In this connection there is a presumption that a judge is impartial "until there is proof to the contrary". Given this presumption and the need to prove actual bias rather than a legitimate doubt, as is the case under the objective test, it is not surprising that there has been no case in which a breach or a subjective test has beeb found. "Law of the European Convention on Human Rights – Harris, O'Boyle, Warbrick, p.234 et seq.).

Filwaqt li hu indiskuss il-prinicipju illi “Although a judge, of course, also has personal emotions also during the proceedings, he must not allow himself to be led by them during the hearing of the case and in the formation of his opinion” (Boeckmans vs. Belgium, (application 1727/72)) hu daqstant iehor pacifiku li mhux kull kumment, anke kien iebes da parti tal-gudikant biex jassigura kondotta xierqa tal-process, ma kien jikkwalifikah bhala parzjali. Il-prova soggettiva ta’ parzjalita’ kellha mhux biss tkun konkluziva biex twaqqa’ l-prezunzjoni li l-gudikant kien nieqes mill-pregudizzju u imparzjali, imma kellha tkun tali li tnissel il-konvinciment illi c-cirkostanzi li setghu apparentement jidhru prova ta’ parzjalita’ kienu tali li ddeterminaw l-gudizzju finali tal-gudikant. Tali prova fil-kaz taht ezami minn imkien remotament ma tirrizulta provata mill-atti.

Dawn il-konsiderazzjonijiet fattwali jwassalu lil din il-Qorti biex tqis li l-appellant ma sostniex il-premessi ghat-talbiet tieghu. L-appell qed jigi chalhekk michud.

In tema legali din il-Qorti tirrileva s-segwenti ghaliex mehtieg biex jirrispondi ghal sottomissjonjiet ta’ l-intimat Avukat Generali anke konsidrat ic-cahda tat-talbiet tar-rikorrent:-

1. Gie ritenut illi "A criminal prosecution brought by an applicant will involve the determination of his civil rights and obligations where such an obligation is the remedy provided in national law for the enforcement of a civil right, as for example, in the case in some legal systems in connection with the right for a reputation. Art. 6 also applies on the basis that civil rights and obligations are being determined when the victim of a crime joins a criminal prosecution as a civil party claiming compensation or injury caused by the crime" (Helmers vs Sweden, (A212 1991) Tomasi vs France (A241 1992) u Moreira de Azevedo vs Portugal (A189 1990) ),

> 2. "In the present case the Commission, whilst maintaining the general principle that the right to enjoy a good reputation constitues a "civil right" within the meaning of the above provision, considers nevertheless that the proceedings chosen by the present applicant to seek rehabilitation aginst alleged attacks on his honour, namely by way of the private prosecution proceedings, do not fall with the scope of Article 6 (1) of the Convention. Unlike a civil action for making defamatory remarks which could also have been brought by the applicant under Article 823 of the Civil Code (BGB), <u>a private prosecution is dealt with in normal criminal proceedings and its purpose is to punish the accused person concerned for having committed a criminal offence</u>. However, the right of access to the courts which Article 6 (1) of the Convention grants to anyone who seeks the determination of his civil rights does not include any rights to bring criminal proceedings against a third person, either by means of a public prosecution or by means of a private prosecution". (Decizjoni tal-Kummissjoni 7116/75, 8282/78, 8491/79, u 8530/78)

Fil-kaz Helmers fuq citat il-Qorti Ewropej hekk elaborat:-

> "The Court notes first like the Commission that although Article 6 (1) does not guarantee a right for the individual to institute a criminal prosecution himself, such a right was confirmed on the applicant by the Swedish legal system in order to allow him to protect his reputation. Indeed this remedy was referred to by the Government in the context of application number 8637/79 <u>as an effective one</u> for this purpose. As to the effect of the symbolic nature of the claim or damages, the existence of a dispute (contestation) concerning a civil right does not necessarily depend on whether or not monetary damages are claimed. What is important is whether the outcome of the proceedings is decisive for the civil right................. This was certainly so in the present case, as the outcome of both the private prosecution and the claim for the damages depended on an assessment of the merits of Mr. Helmer's complaint that the accused had unjustifiably attacked and harmed his good reputation".

> Insenjament dan segwit ukoll fil-kawza "Tolstoy Milatavsky vs. United Kingdom deciza fit-13 ta' Lulju, 1995 (App. No. 1813A/91) fejn gie ribadit il-principju illi "According to established case-law, art. 6-1 applies ....................also in relation to a defendant in such proceedings (defamation) where the outcome is directly decisive for his or her "civil obligations" vis-a-vis the plaintiff".

4. Fil-kaz Golder vs. United Kingdom deciz fil-21 ta' Frar, 1975, il-Qorti Ewropeja kienet sa minn dak iz-zmien irribadiet illi

> "one point has not been put in issue and the Court takes it for granted: the 'right' which Golder wished, rightly or wrongly to invoke against Laud before an English Court was a "civil right" within the meanng of article 6 para. 1".

Finalment il-kaz Tomasi vs. France deciza fis-27 ta' Awissu, 1992, (application no. 12850/87) gie ritenut illi:-

> "The investigating judge will find the civil application admissible – as he did in ths instance – provided that, in the light of the facts relied upon, he can presume the existance of the damage alleged and a direct link with an offence.
>
> The right to compensation claimed by Mr. Tomasi therefore depended on the outcome of his complaint, in other words on the conviction of the perpetrators of the trejatment complained of. It was a civil right notwithstanding the fact that the Criminal Courts had jurisdiction". (see mutatis mutandis the Moreira de Azevedo vs Portugal Judgment of October 23rd, 1990).

F'dan il-kaz il-Qorti sabet illi kien applikabbli s-subinciz 1 ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

Il-Qorti kellha issa tapplika dan l-insenjament fl-isfond ta' l-orjentament guridiku malti li jirregola kawzi ta' diffamazzjoni, kemm fl-isfera civili kif ukoll fl-isfera kriminali. Dan ghaliex jekk jirrizulta li kien essenzjali ghad-determinazzjoni tad-dritt civili ta' l-appellant l-process kriminali provokat minn diskors diffamatorju, allura kien japplika l-insenjament appena citat. Jekk, ghall-kuntrarju, dan ma kienx il-kaz, u allura jirrizulta illi l-appellant kellu rimedju iehor quddiem il-qrati civili, indipendenti mill-process kriminali li kien jassiguralu l-protezzjoni ta' tali dritt, allura din il-Qorti difficilment setghet taccetta s-sottomissjoni li kien ikun applikabbli s-subinciz 1 ta' l-art. 6 ta' l-ewwel skeda tal-Kap 319 u ta' l-art. 39 tal-Kostituzzjoni.

Il-malafama mertu tal-proceduri kriminali tentati mir-rikorrent quddiem il-Qorti Kriminali tal-Magistrati jinkwadraw ruhhom fl-art. 252 tal-Kodici Kriminali li jittratta dwar kull min bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' xi hadd iwegghu bi kliem. Rejat dan li hu ghal kollox differenti mix-xorta ta' malafama regolata bl-Att dwar l-Istampa (il-Kap 248). B'dan l-Att persuna malafamata ghandha espressament accessibbli ghaliha kemm il-procedura kriminali kontra l-persuna li tkun hatja tar-rejat, kif ukoll il-procedura civili ghad-danni, u l-iter ta' kull azzjoni hu separat u distint u determinat bl-istess ligi. Danni civili li apparti dawk reali u attwali li seta' jsofri l-malafamat kienu wkoll morali u rizarcibbli bhala konsegwenza diretta tad-dikjarazzjoni fl-azzjoni civili li l-konvenut kien ivvjola l-jedd ghal fama tajba li kellu l-attur. Fil-kaz ta' din ix-xorta ta' malafama wiehed seta' forsi jargumenta li l-malafamat kien adegwatament kopert anke fir-rigward tal-jeddijiet tieghu ghas-smiegh xieraq bl-azzjoni civili li ghaliha kien intitolat. Dan hu diskutibbli u f'kull kaz mhux mertu ta' din il-kawza.

Mill-banda l-ohra pero', dan zgur ma kienx il-kaz fejn il-malafama tkun saret biss bil-kliem u fejn allura l-unika azzjoni li biha il-malafamat seta', fl-ewwel lok, jiddefendi l-unur tieghu, kienet tramite l-azzjoni kriminali fit-termini ta' l-artikolu 252 tal-Kap 9. Infatti kien biss f'dawn il-proceduri li l-malafamat bil-kliem seta' jottjeni dikjarazzjoni gudizzjarja illi l-unur tieghu, li ghalih kellu jedd fondamentali, kien gie mzeblah. F'dawn ic-

cirkostanzi ghalkemm hu rikonoxxut il-principju li "kull rejat inissel azzjoni kriminali u azzjoni civili" (Art. 3(1) tal-Kap 9) u li "l-azzjoni kriminali titmexxa quddiem il-qrati ta' gurisdizzjoni kriminali u biha tintalab piena kontra l-hati" (subinciz 2) waqt li "l-azzjoni civili titmexxa quddiem il-qrati ta' gurisdizzjoni civili u biha jintalab il-hlas tal-hsara li ssir bir-rejat" (subinciz 3), il-malafamat ma setghax civilment jipprocedi biex jiddefendi l-unur tieghu jekk ma jkunx f'posizzjoni li jipprova li hu kien sofra bhala konsegwenza tal-malafama bl-kliem danni attwali u reali.

Dan iwassal ghall-konkluzzjoni illi f'din ix-xorta ta' kawzi l-process kriminali kien, jew almenu seta' jkun, determinanti biex il-malafamat ikun jista' jiddefendi l-unur u r-reputazzjoni tieghu. Meta jokkorru sitwazzjonijiet u cirkostanzi bhal dawn l-individwu kellu kull dritt illi jezigi l-protezzjoni ta' l-art. 6 tal-Konvenzjoni ta' l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ghal smiegh xieraq fil-process kriminali, anki jekk intrometta ruhu biss bhala parti civili, daqslikieku kien parti f'kawza civili minnu promossa biex jiddefendi d-dritt civili tieghu ghall-unur u reputazzjoni tajba.

Din l-interpretazzjoni, fil-fehma tal-Qorti, tirrifletti l-insenjament tal-Qorti Ewropeja li ghalih saret riferenza, b'mod partikolari l-kaz "Helmers" kif ukoll il-kaz "Fayed vs. United Kingdom" minnha deciz fil-21 ta'

Settembru, 1994, u li ghalih l-istess appellat ghamel riferenza. “The result of the “criminal” proceedings in question must be directly decisive for such a right or obligation: mere tenuous connections or remote consequences not being sufficient to bring art. 6 (1) to play”. Fil-kaz taht ezami din il-Qorti kienet sodisfatta illi l-proceduri kriminali kienu, jew seta’ kellhom, rilevanza determinanti ghall-protezzjoni tad-dritt ta’ reputazzjoni u fama tajba tal-malafamat. L-azzjoni tar-rikorrent kienet allura tregi li kieku l-kaz tieghu kien fattwalment sostenibbli.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeciedi dan l-appell kif gej:-

1. tilqghu inkwantu qed tiddikjara li l-kwerelant appellant kien igawdi d-dritt civili ghal reputazzjoni tajba tieghu b’garanzija ugwali ta’ smiegh xieraq anke quddiem il-Qorti Kriminali tal-Magistrati, nonostante li l-procedura adottata f’dawk il-processi kontra l-kwerelati fiz-zewg kawzi kienet tax-xorta kriminali msemmija fir-rikors;

2. tichad it-talbiet tar-rikorrent appellant fil-mertu inkwantu mill-provi ma jirrizulta bl-ebda mod li hu ma kienx inghata smiegh xieraq fil-kawzi decizi mill-Qorti Kriminali tal-Magistrati msemmija fl-ewwel u fit-tieni talbiet tieghu.

Konsegwentement tiddikjara li l-istess rikorrent appellant ma sofra l-ebda lezjoni tad-dritt tieghu ghar-rimedju effettiv sancit bl-art. 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

L-ispejjez tal-prim'istanza kellhom jibqghu kif gia mill-ewwel Qorti decizi, u dawk ta' dan l-appell kellhom jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.

Dep/Reg

mm